MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 298/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Massimo Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 t’Ottubru, 2008, ghall-habta ta’ 16.50 hrs., f’Mater Dei Hospital Grounds, is-Swatar :

1. gieghel, halla jew ippermetta lil Jeff Zerafa jsuq vettura numru DBY-431 (bus tar-rotta) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;
2. b’hekk saq l-imsemmija vettura numru DBY-431 (bus tar-rotta) meta ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(b)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tinfliggi l-piena skond il-ligi kif ukoll li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fl-udjenza tal-lum l-appellat ecepixxa illi l-appell huwa null ghax gie pprezentat *fuori termine*.

Rat il-verbal li bih Dr. Caruana ghall-prosekuzzjoni rrimetta ruhu ghal din l-eccezzjoni.

Ikkonsidrat

Illi kif jidher mill-atti, l-Pulizija pprezentat in-nota t’avviz t’appell fit-30 ta’ Gunju, 2009. L-istess Avukat Generali, fir-rikors tal-appell tieghu, jippremetti illi huwa rrcieva l-atti processwali fl-istess gurnata, cioe’ fit-30 ta’ Gunju, 2009. B’dana kollu ghal xi raguni inspjegabbli, l-appell gie ntavolat biss fl-20 ta’ Lulju, 2009 li hu certament oltre t-tmint ijiem ta’ xoghol permessi mill-Ligi minn meta l-Avukat Generali jircievi l-atti processwali.

Ghalhekk kjarament jidher illi l-appell gie pprezentat *fuori termini* w konsegwentement hu null.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara l-appell irritu w null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------